**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**28 ta' Settembru 2020**

**Rikors Numru 32/2019**

**Edward Attard**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministru tal-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Edward Attard** datat 27 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"Illi dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' intimata ai termini tal-*Artikolu 25 *tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368);*
*Illi l-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:*

1. *Illi l-esponenti akkwista minn ebay il-vettura tal-għamla Porsche 928 S Series IV versu l-prezz ta' circa €8,000. Din il-vettura għandha aktar minn tletin sena u kienet tinsab l-Ingilterra;*

2. *Illi l-esponenti ssottometta l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex il-vettura tiġi reġistrata mal-Awtorita' intimata bħala vettura vintage awtentika;*

3. *Illi permezz ta' ittra datata 4 ta' Marzu 2019, l-esponenti ġie nfurmat li Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage aċċetta li jiċċertifika l-vettura bħala waħda vintage u l-esponenti ġie mħeġġeġ jiffinalizza t-transazzjoni kemm jista' jkun malajr stante li fin-nuqqas ta' dan, wara tletin ġurnata minn meta rċieva l-ittra tiskatta penali ta' €30 kuljum. Permezz tal-istess ittra l-esponenti ġie nfurmat li t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas għar-reġistrazzjoni tammonta għal €6,000;*

4. *Illi l-esponenti ħass ruħhu aggravat mill-ammont tat-taxxa mitlub abbażi tal-valur ta' reġistrazzjoni stabbilit mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage. L-esponenti ġie a konjizzjoni li l-valur meħud in kunsiderazzjoni mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage ma kienx il-valur imħallas skont il-fattura provduta mill-esponenti iżda kien valur ogħla. In vista ta' dan l-esponenti għamel kuntatt mal-Awtorita' intimata permezz ta' email datata 11 ta' Marzu 2019 fejn talab li d-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage dwar it-taxxa tar-reġistrazzjoni tiġi riveduta abbazi tas-segwenti:-*

   i. *Illi l-fattura provduta mill-esponenti kienet tirrifletti l-valur veru li tiswa l-vettura;*
   ii. *Il-valur tal-fattura kien jirrifletti l-valur tal-vettura bil-mutur ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, tant li l-esponenti akkwista l-vettura tiegħu minn ebay meta l- vettura kienet ilha madwar sitt xhur fis-suq internazzjonali kif ukoll provda dettalji ta' vettura simili li l-valur tagħha kien inqas mill-fattura tal-vettura tal-esponenti sabiex il-Kumitat ikun jista' jagħmel paragun ta' like with like;*
   iii. *Il-vettura tal-esponenti kienet ġiet iddikjarata bħala written off u ma kellhiex service history – elementi li jnaqqsu drastikament il-valur ta' vettura;*

5. *Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu 2019 l-esponenti ġie mgħarraf li l-Kumitat ikkunsidra t-talba tal-esponenti, tal-fattura u tar-rapport provdut iżda Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage ikkonferma li l-valur stabbilit tal-vettura mill-Kumitat kien raġonevoli u aċċettabbli;*

6. *Illi l-esponenti ħass ruħhu aggravat mid-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata stante li l-Kumitat kellhu jivvaluta l-vettura biss f'każ li l-valur tal-fattura jkun tant baxx li mhux raġonevoli. Il-valur imħallas fuq il-fattur huwa reali, raġonevoli u jirrifletti l-valur tal-vettura fis-suq internazzjonali hekk kif ser jiġi muri fl-appell odjern. Għalhekk ma kienx hemm raġuni għaliex l-Awtorita' tivvaluta mod ieħor il-vettura sabiex tiġi kkalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni.*

7. *Illi sal-preżentata ta' dan ir-rikors l-esponenti għadu ma ħallasx it-taxxa mitluba mill-Awtorita' stante li t-terminu ta' tletin ġurnata għadu għaddejj iżda ser jgħaddi sabiex iħallas l-ammont mitlub mingħajr preġudizzju għal appell odjern sabiex ma jinkorrix multi;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal:-*

1. *Jiddikjara li l-valur ta' reġistrazzjoni stabbilit mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage fir-rigward tal-vettura tal-esponenti tal-għamla Porsche 928 S Series IV huwa irraġonevoli occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

2. *Subordintament jiddikjara li l-ammont ta' €6,000 rappreżentanti taxxa tar-reġistrazzjoni abbażi tal-valur ta' reġistrazzjoni li ser jitħallas jew tħallas mill-esponenti huwa eċċessiv u ma jirriflettix l-ammont dovut għal din il-vettura abbazi tal-valur reali tal-vettura;*

3. *Jordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jirrifondu lill-esponenti t-taxxa tar-reġistrazzjoni mħallsa żejda mill-esponenti fuq il-vettura Porsche 928 S Series IV entro terminu qasir u perentorju."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fit-8 ta' April 2019 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"

1. *Illi, preliminarjament, l-appellat Ministru tal-Finanzi ma ta ebda decizjoni illi minnha qed jigi intavolat l-appell odjern u kwindi mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat ab observantia.*

2. *Illi wkoll, in linea preliminari, in-nullita' tar-rikors promotur stante konfuzjoni ta' pluralita' t'azzjonijiet illi (a) ma setghux jigu intavolati bi procedura wahda; (b) il-kontradditturi ghal talbi talbiet huma entitajiet differenti u l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta mhijiex il-legittima kontradittrici fir-rigward tat-tielet talba filwaqt li l-Ministru tal-Finanzi mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ewwel zewg talbiet; (c) it-tielet talba tezorbita mill-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal. Illi in effetti t-tielet talba ghandha tigi rivolta fil-konfront tal-Ministru tal-Finanzi pero certament mhux permezz tal-appell odjern stante li l-Ministrutal-finanzi mhuwiex il-liegittimu kontradittur in vista tal-fatt li d-dritt t'appell huwa naxxenti mll-artikolu 25(9) tal-Kap. 368 u ghalhekk il-legittima kontradittrici f'dan l-appell hija biss l-Awtorita' rispondenti illi hadet id-decizjoni illi qed tigi attakkata u mhux il-Ministru tal-Finanzi.*

3. *Illi wkoll una volta li t-taxxa giet imhallsa in segwitu ghad-decizjoni mehuda mill-Awtorita' rispondenti (anke jekk taht protesta) ifisser inevitabilment illi dan id-dritt t'appell gie rinunzjat u dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jisma' u jiddeciedi appell dwar hlas ta' taxxa illi effettivament diga giet imhallsa. L-artikolu 25(9) tal-Kap. 368 li jipprovdi ghal dan id-dritt t'appell ma jipprovdix li ghandu sir il-hlas tat-taxxa taht protesta jew kwalsijasi procedura ohra da parti tal-appellant u ghlhekk effettivament id-dritt tal-appell gie awtomatikament u b'mod naturali estint bil-hlas effettwat.*

4. *Sussegwentement u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost l-appell interpost mill-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez stante li d-decizjoni mehuda mill-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage hija wahda korretta, gusta u skond il-ligi. Di fatti, a tenur tal-Artikolu 25(8) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage iqis illi l-valur tal-fattura pprezentata mill-applikant ghall-finijiet biex tigi stabbilita t-taxxa ta' registrazzjoni, huwa baxx b'mod mhux ragjonevoli – kif fil-fatt kien fil-kaz odjern – allura l-valur tar-registrazzjoni tal-vettura de quo agitur ghandu jkun ibbazat fuq il-valur tas-suq*

*medju ta' vetturi bil-mutur identici, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, u kien effettivament a bazi ta' dan il-kriterju illi l-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage stabilixxa l-valur tal-vettura u konsegwentement l-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni pagabbli mill-appellant, u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell."*

Ra illi l-Ministru intimat debitament notifikat ma pprezenta l-ebda risposta;

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2019 l-Awtorita` intimata rtirat it-tielet eccezzjoni taghha;

Ra illi dawn il-proceduri gew ceduti fil-kontront tal-Ministru intimat permezz ta' nota ta' cessjoni pprezentata fit-8 ta' Jannar 2020;

Sema' x-xhieda;

Ra n-Noti ta' Osservazzjonijiet tar-rikorrent u n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 4 ta' Marzu 2019 (a fol. 38) li permezz taghha gie mgharraf illi filwaqt li l-Awtorita` intimata, fuq parir tal-Kumitat Ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage (aktar l'isfel "il-Kumitat"), kienet qieghda tilqa' t-talba tieghu sabiex il-vettura tal-ghamla Porsche 928S Series IV tigi kklassifikata bhala vettura *vintage*, infurmatu wkoll li t-taxxa ta' registrazzjoni fuq l-istess vettura tammonta ghal sitt elef ewro (€6000). Illi permezz ta' *email* datata 11 ta' Marzu 2019 ir-rikorrent talab lill-Kumitat jirrikonsidra d-decizjoni tieghu ghal dak li ghandu x'jaqsam taxxa ta' registrazzjoni (a fol. 37) u dan ghar-ragunijiet indikati fl-istess *email* u li r-rikorrent espona anke quddiem dan it-Tribunal. Permezz ta' ittra datata 14 ta' Marzu 2019 l-Awtorita` intimata kkonfermat id-decizjoni taghha tal-4 ta' Marzu 2019 (a fol. 35). Illi l-esponent hassu aggravat bl-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni imposta ghaliex, skont hu, l-istess ammont huwa esagerat tenut kont tal-kundizzjoni tal-vettura *de quo* u l-prezz li biha xtara l-istess vettura, u *cioe`* cirka tmint elef ewro (€8000).

**Brian Farrugia**, Segretarju tal-Kumitat għall-klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*, spjega illi meta individwu jimporta vettura dan ghandu jissottometti d-dokumentazzjoni tal-istess vettura lill-Awtorita` intimata flimkien ma' xi formoli fejn sussegwentement l-istess dokumenti jghaddu lill-Kumitat, fejn imbaghad wiehed mill-Membri tal-istess Kumitat jaghmel spezzjoni tal-vettura biex tigi verifikata l-kundizzjoni tal-vettura u wkoll verifika tax-*chassis number*, ghamla u mudell, kulur, *seating capacity* u sena tal-manifattura, u wkoll issir ricerka biex jigi stabbilit il-valur tas-suq. Jispjega li l-istat tal-vettura *de quo* kien wiehed *"average"*, u *cioe`*, illi kif inhi tista' tinstaq fit-triq.

Ikompli jispjega illi ai fini ta' taxxa il-Kumitat jara jekk l-ammont fuq l-*invoice* jirriflettix il-valur ta' vetturi simili fis-suq.

**Albert Pisani**, membru tal-Kumitat, spjega illi huwa jifforma parti mill-Federazzjoni Maltija ghal Vetturi Antiki, huwa membru u rapprezentant tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Vetturi Antiki u wkoll membru ta' hafna klabbs Inglizi ta' vetturi antiki u muturi u wkoll membru ta' klabb Malti tal-muturi antiki.

Fir-rigward tal-vettura *de quo* jispjega illi kien hu li mar jaghmel l-ispezzjoni fuq l-istess. Jghid li huwa spezzjona l-estern, u *cioe`*, il-kwalita` tal-*body finish*, u wkoll l-intern, u *cioe` seats, carpeting,* il-magna u l-*engine bay*. Iccekkja wkoll ix-*chassis number* u l-*engine number* li kien jaqbel mal-*logbook.* Mistoqsi jekk f'dawn l-ispezzjonijiet jigix verifikat jekk il-vettura tahdimx, huwa wiegeb fin-negattiv. Jispjega li dan ma jsirx ghaliex jista' jkun li vettura mhix tajba ghat-triq imma ghandha potenzjal li tkun fit-triq. F'dan il-kaz l-Awtorita` intimata tirregistra l-vettura bhala klassika imma tobbliga lis-sid jiggaraxjaha sakemm jirrangaha li tkun tista' tohrog fit-triq. Pero`, fil-kaz in kwistjoni huwa spjega li ma kien hemm xejn li jzomm lill-Awtorita` milli tohrog il-vettura fit-triq.

Fir-rigward tar-*rating* li ta lill-vettura, u *cioe`* "average", spjega illi dan ir-*rating* huwa fi grad li jaghtih mill-esperjenza li ghandu. Jispjega li spezzjoni normalment iddum xi ghoxrin (20) minuta. Fil-kaz partikolari, il-vettura kienet go garage Haz-Zebbug.

In konto-ezami x-xhud spjega illi biex huwa jasal ghall-valur tas-suq ta' vettura huwa jara irkanti ta' vetturi simili gewwa r-Renju Unit. Jispjega wkoll li jaghmel referenza ghas-sit elettroniku ta' Hagerty li hija kumpanija tal-assigurazzjoni internazzjonali bazata fl-Ingilterra, l-Kanada u l-Istati Uniti u jiccekkja l-valuri li bihom qeghdin jigu inxurjati vetturi simili. Minn dan is-sit elettroniku rrizultalu illi vettura tal-istess mudell tal-1988 f'kundizzjoni *"fair"* kienet giet valutata ghal

erbatax-il elf dollaru ($14,000). Jispjega li l-istess mudell, tal-istess sena ta' manifattura, fi stat kklassifikat bhala "good" kellu valur ta' wiehed u tletin elf u tlett mitt dollaru ($31,300). Jispjega li ghalhekk huwa ha prezz bejn "fair" u "good" li huwa l-prezz ta' sittax-il elf ewro (€16,000).

Jispjega li meta fittex fis-sit elettroniku ta' Hagerty gewwa l-Ingilterra irrizultalu li vettura bl-ispecifikazzjonijiet bhal dik *de quo*, pero` f'kundizzjoni *"fair"*, kellha valur ta' tnax-il elf u erba' mitt lira sterlina (£12,400).

In ri-ezami, x-xhud wiegeb illi vettura bhal dik in kwisjtoni, u *cioe`* tat-tip *automatic*, hija iktar imfittxija. Mistoqsi jekk il-vettura in kwisjtoni kinitx *written off* huwa jghid li ma kinitx, pero` jistqarr li huwa ma kellux l-istorja tal-istess vettura.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa xtara l-vettura in kwisjtoni minn fuq *eBay* mill-Ingilterra. Jispjega li l-valur li hallas huwa kien ta' sebat elef u hames mitt sterlina (£7500) liema prezz kien jinkludi xi spezzjonijiet u trasport. Jispjega li minn rapport tal-Pulizija Ingliza li sar f'Dicembru 2018 jirrizulta illi l-vettura in kwisjtoni ghamlet zmien wieqfa, li ghal dawn it-tip ta' vetturi mhuwiex xi haga tajba u dan wara li kienet involuta f'habta u l-kumpanija tal-assigurazzjoni iddecidiet li ma ssewwihiex. Jispjega li huwa kien ghamel zmien isegwi s-suq u din l-informazzjoni kien anke ghaddiha lill-Awtorita` intimata bhala gwida tal-prezz tas-suq.

Jispjega li l-ispezzjoni li saret mis-Sur Pisani damet ftit minuti gewwa l-garaxx tal-istess rikorrent. Jispjega li kien hemm hafna affarijiet fil-vettura li ma kinux jahdmu, li pero`, ma gewx spezzjonati mis-Sur Pisani. Jixhed li s-Sur Pisani lanqas ma pprova jistarjaha ghalkemm eventwalment irrizulta li kienet tista' tistartja ghax ghaddiet mill-VRT.

Jispjega li wara li rcieva d-decizjoni appellata, huwa kkomunika mal-Awtorita` u spjegalhom illi l-istess vettura kienet "*an insurance write-off"*. Pero` huwa rcieva risposta illi l-fatt li l-vettura kienet mahbuta m'ghandux impatt fuq il-valur taghha. Ghalhekk huwa baghat lill-Kumpanija Hagerty u staqsiha jekk il-fatt li l-vettura tkun mahbuta jkollhiex impatt fuq il-valur. Hagerty wiegbu fil-pozittiv.[1] Jispjega wkoll illi skond l-istess sit elettroniku ta' Hagerty, jekk vettura tkun *automatic* dan inaqqsilha l-prezz tas-suq b'ghoxrin fil-mija (20%) u mhux jghollilha l-valur kif xehed is-Sur Pisani u dan kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 128. Huwa esebixxa wkoll sett ritratti li juru brix, sadid u difetti ohra fl-istess vettura (Dok EA3-Dok EA13 a fol.129).

[1] Ara Dokument EA1 a fol.119

In kontro-ezami, ir-rikorrent spjega illi meta xtara l-vettura in kwistjoni din kellha d-daqqiet u sadid, flimkien ma' difetti mekkanici, fil-*body*, fil-qiegh u kien jidhol l-ilma mis-saqaf. Huwa spjega li l-vettura kellha difetti li stenna li se jkollha u ohrajn li ma stennhiex li se jkollha.

**L-Imhallef Emeritu Michael Mallia**, Cermen tal-Kumitat, spjega illi biex jaslu ghal valur ta' vettura, il-membri tal-Kumitat jaghmlu l-accertamenti taghhom anke permezz ta' tfittxija fuq l-*internet.* Mistoqsi x'jiehu in konsiderazzjoni l-Kumitat biex jasal ghall-valutazzjoni, ix-xhud wiegeb illi huma jikkunsidraw il-*bodywork* tal-vettura, kemm ghandha sadid, jekk sarx xi restawr qabel jew jekk ghadux irid isir, jekk il-magna hijiex f'kundizzjoni tajba, jekk hijiex nadifa, ghandhiex hsara, il-mudell taghha, u s-sena li tkun harget.

Mistoqsi in kontro-ezami xi kwalifici wiehed irid ikollu biex ikun jifforma parti mill-Kumitat, ix-xhud stqarr illi wiehed m'ghandux ghalfejn ikollok kwalifici pero` bizzejjed li tkun rinomat fic-crieki ta' *vintage vehicles,* u *cioe`*, illi wiehed ikollu certu gharfien u jifhem fis-suggett. Spjega wkoll illi ma jezistux kwalifici akkademici partikolari fis-suggett.

**Ikkunsidra:**

Illi t-taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi *vintage* importati f'Malta hija regolata bl-Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta). Artikolu 25 (7) u (8) tal-imsemmija legislazzjoni jghid is-segwenti:-

*"(7) Meta vettura bil-mutur li tkun għadha kif ġiet impurtata u tkun għadha ma ġietx reġistrata f'Malta tiġi klassifikata bħala vettura vintage, il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dik il-vettura.*

*(8) Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, għandu jkun ibbażat fuq –*

*(a) il-valur tal-fattura, jew*
*(b) il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali meta l-valur tal-fattura jitqies mill-kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli."*

Illi fil-kaz in kwistjoni l-ebda Membru tal-Kumitat ma xehed illi l-Kumitat hass illi l-prezz imhallas mir-rikorrent kien wiehed baxx b'mod mhux ragjonevoli. Pero` jidher li hekk kien il-kaz ladarba il-Kumitat ma qaghadx fuq il-valur tal-fattura u wasal ghal valur iehor. Illi dan il-valur wasal ghalih wara spezzjoni vizwali li saret minn membru tal-istess Kumitat u li eventwalment ghamel ricerka ghal valuri ta' vetturi simili minn fuq siti elettronici barranin. Bhala prova ta' dan, l-istess Membru tal-Kumitat esebixxa ezempji ta' valuri ta' vetturi simili, liema valuri jvarjaw. Mid-dokumenti esebiti minn fol. 96 u 97 tal-process jirrizulta illi skond is-sit elettroniku ta' Hagerty Insurance gewwa r-Renju Unit, il-valur ghal vetturi ta' mudell identiku b'kundizzjoni "fair" kien ta' tnax-il elf u erba' mitt lira sterlina (£12,400), filwaqt li f'kundizzjoni "good" kien ta' tmintax-il elf u seba' mitt lira sterlina (£18,700). Madankollu fuq is-sit elettroniku ta' Hagerty gewwa l-Istati Uniti jirrizulta illi l-valur ghal vettura f'kundizzjoni "fair" kien ta' erbatax-il elf dollaru ($14,000) filwaqt li f'kundizzjoni "good" kien ta' wiehed u tletin u tliet mitt dollaru ($31,300). Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-Awtorita` intimata rrilevat illi l-Kumitat ha l-ammont ta' bejn il-"good" u l-"fair" u wasal ghall-"average" u dan billi mis-somma ta' €31,300 naqqas is-somma ta' €14,000[2] u ddividijha bin-nofs, biex b'hekk gie l-valur ta' €22,650. Pero` l-Kumitat naqqas minn dan l-ahhar valur u wasal ghall-valur ta' tmintax-il elf u sitt mitt ewro (€18,600)[3] u li mbaghad abbazi tieghu giet kalkulata t-taxxa ta' registrazzjoni ta' sitt elef ewro (€6000).

Illi mid-dokumenti esebiti mir-rikorrent innifsu jirizulta illi skond is-sit elettroniku ta' Hagerty, il-prezz tal-vettura qieghed dejjem jitla', tant li ghal vettura identika "fair" il-prezz tas-suq f'Jannar 2009 kien ta' tmitt elef u hames mitt lira sterlina (£8500) filwaqt li f'Mejju 2019 kien ta' erbatx-il elf lira sterlina (£14,000).[4] Madankollu r-rikorrent jishaq illi lanqas dan il-prezz ma jirrifletti l-valur tas-suq tal-vettura tieghu stante li din kienet vettura li kienet *written off* wara incident li kellha gewwa l-Ingilterra. Dan gie kkonfermat ukoll minn rapprezentant ta' Hagerty gewwa r-Renju Unit permezz ta' email mibghuta lir-rikorrent fis-7 ta' Jannar 2020 fejn infurmah illi l-fatt li l-vettura kienet *written off* fl-2003 ha jkollu effett detrimentali fuq il-valur, specjalment fuq it-tip ta' vettura in kwisjtoni, u *cioe` "a High performance "future classic" with complicated constrcution an a mix of materials including impact bumpers crumple zones and extensive electronics."*[5]

---

[2] Illi t-Tribunal jirrileva illi fid-dokumenti ta' Hagerty l-valur huma Dollari Amerikani u mhux Ewro

[3] Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet jissemma l-valur tas-suq ta' €18,600, fuq il-formula VEH15A esebita a fol. 40-41 tal-process jirrizulta li r-*registration value* gie mnizzel bhala €16,000 u ghalhekk it-Tribunal se jkun qieghed jimxi fuq dan il-valur

[4] A fol. 128

[5] A fol. 119

Illi skont l-istess sit elettroniku ta' Hagerty il-klassifikazzjoni **"fair"** hija deskritta bis-segwenti:
***"#4 cars are daily drivers, with flaws visible to the naked eye. The chrome might have pitting or scratches, the windshield might be chipped. Paintwork is imperfect, and perhaps the fender has a minor dent. The interior could have split seams or a cracked dash. No major parts are missing, but the wheels could differ from the originals, or the interior might not be stock. No major customisations have been made. A #4 car can also be a deteriorated restoration. "Fair" is the word that describes a #4 car."*** [6]

Filwaqt li l-kundizzjoni **"good"** hija deskritta hekk:

***"#3 cars could possess some, but not all of the issues of a #4 car, but they will be balanced by other factors such as a fresh paint job or a new, correct interior. #3 cars drive and run well, but might have some incorrect parts. These cars are not used for daily transportation but are ready for a long tour without excuses, and the casual passerby will not find any visual flaws. No major customisations have been made. "Good" is the one word description of a #3 car."*** [7]

Illi wara li t-Tribunal ha konjizzjoni ta' dawn id-dokumenti kollha u tad-deposizzjonijiet, jirrizulta illi l-Kumitat ma hassx illi l-fatt li l-vettura kienet *written-off* kellu jaffetwa l-valur tal-vettura in kwistjoni. Lanqas ma jirrizulta illi l-Kumitat ha konjizzjoni illi skont is-sit elettroniku ta' Hagerty, vettura identika li tkun *automatic*, il-valur taghha kellha jitnaqqas b'ghoxrin fil-mija (20%). Anzi l-fatt li kienet *automatic*, skond ix-xhud Albert Pisani, kellu jgholli l-valur u mhux inaqqas. Illi madankollu dan it-Tribunal lanqas ma jqis illi l-valur ta' ezempju ta' mudell simili, pero` tas-sena 1985 (dokument pprovdut mir-rikorrent lill-Awtorita` intimata u esebit a fol. 70) jirrifletti l-prezz fis-suq tal-vettua in kwistjoni. Dan ghaliex fl-ewwel lok is-sena ta' manifattura huwa differenti, u, fit-tieni lok, is-serje tal-vettura huwa differenti.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt illi l-valur moghti mill-Kumitat huwa wiehed li ma jirriflettix il-valur tas-suq tal-vettura in kwistjoni, lanqas ma huwa tal-fehma illi l-prezz imhallas mir-rikorrent huwa l-valur tas-suq. L-ewwel u qabel kollox iridu jitnaqqsu ghoxrin fil-mija (20%) mill-valur appellat. In oltre jrid isir aggustament ulterjuri li jirrifletti l-fatt li l-vettura kienet *written off*. Kwindi l-valur tas-suq huwa x'imkien bejn tnax-il elf u tmien mitt ewro (€12,800)[8] u s-sebat

---

[6] A fol. 96
[7] A fol. 97
[8] €16,000 – 20% = €12.800 (Ghalkemm fin-nota ta' sottomisjonijiet hemm imsemmi li l-valur tas-suq li wasal ghalih il-Kumitat huwa ta' £16,000 fil-verita` jirrizulta illi l-valur tas-suq imnizzel mill-Kumitat fuq il-formola VEH15A kien ta' €16,000. Ghalhekk it-Tribunal se joqghod fuq id-dokument ipprezentat mill-istess Awtorita` intimata a fol.41 tal-process.)

elef u hames mitt sterlina (£7500) prezz imhallas mir-rikorrent, wara li jittiehed in konsiderazzjoni l-fattur li l-vettura *de quo* kienet giet *written off*.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kumitat ghandu jerga' jikkunsidra mill-gdid id-decizjoni tieghu abbazi ta' dak li ntqal hawn fuq.

Illi finalment, it-Tribunal jirrileva illi meta jsiru l-ispezzjonijiet fuq vetturi bhal dawk in ezami, huwa desiderabbli li dawn isiru f'ambjent imdawwal u preferibbilment f'ambjenti li tipprovdi l-Awtorita` intimata halli jinzamm certu *standard* ghall-ispezzjonijiet kollha. Iktar minn hekk huwa wkoll tajjeb li tali spezzjonijiet isiru minn iktar minn membru wiehed tal-Kumitat u dana sabiex l-ispezzjoni tkun wahda iktar oggettiva u trasparenti.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrent sa fejn huwa kompatibbli ma dak li ntqal hawn fuq u, filwaqt li ma jihux konjizzjoni tal-ewwel tlett eccezzjoniiet stante li l-ewwel tnejn gew sorvolati fil-mori u t-tielet wahda giet irtirata, jichad il-bqija tar-risposta tal-Awtorita` intimata u ghalhekk qieghed jannulla d-decizjoni appellata.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**